# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD
## B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.

**Illum 3 ta' Frar, 2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tarquin Vella**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors ta' Tarquin Vella datat 3 ta' Frar, 2016;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Jannar 2016 fejn Tarquin Vella gie misjub hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u gie kkundannat xahar detenzjoni;

Rat li l-Art. 998 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-akkuzat ma jidhirx meta jkun imharrek b'ordni ta' Imhallef jew Magistrat huwa jista' jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat t'arrest jew ta' skorta u ghalhekk ma hemmx indikat li jista' jinstab hati ta' disprezz u kkundannat piena ta detenzjoni;

Rat li l-Artikoli 988 u 991 tal-istess Kap 12 jindikaw li l-piena ta' detenzjoni ghall-disprezz lejn il-Qorti tista' tinghata ghal min jikkomporta ruhu bi kliem jew eghmil mhux xieraq waqt is-seduta quddiem il-Magistrat jew Imhallef.

Tarquin Vella permezz tal-avukat tieghu jargumenta li f'dawn l-Artikoli ma hemm imkien indikat li nuqqas li wiehed jidher il-Qorti meta debitament notifikat jitqies bhala disprezz lejn il-Qorti fejn wiehed jista' jigi kkundannat detenzjoni;

Rat illi fid-digriet tat-18 ta' Jannar 2016 gie indikat Artikolu 991 tal-Kap 12 tal-ligi abbazi ta' liema l-imputat kien qed jigi kkundannat xahar detenzjoni.

Il-Qorti spjegat x'wassal ghad-decizjoni taghha:

> *"Il-Qorti peress li l-imputat deher ghal din il-kawza izda baqa' ma wegibx meta regghet issejhet il-kawza tieghu u qabad u allontana ruhu mill-bini tal-Qorti, issibu hati ta' disprezz, u wara li rat l-Artikolu 991 tal-Kapitolu 12, tikkundannah xahar*

*detenzjoni, thalli l-kawza ghall-1 ta' Frar 2016 u tordna illi dak innhar l-imputat jingieb b'mandat ta' arrest."*

Illi Artikolu 991 jghid li:

*L-imhallef jew magistrat imsemmi fl-artikolu 988 jista' jikkundanna minnufih ghall-piena tal-ammenda, tal-multa, jew tad-detenzjoni skont il-Kodici Kriminali kull min, bi kliem jew* ***eghmil mhux xieraq waqt is-seduta, jaghmel xi atti ta' disprezz tal-qorti****, jew jinsulta lil xi persuna ohra.* (enfasi tal-Qorti).

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza fl-14 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet **Liza Delia v. Ir-Registratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali (Malta) u l-Avukat Generali**[1].

Il-Qorti taghmilha cara li min jissejjah biex jidher quddiem il-Qorti jrid jaghmel dan. Tarquin Vella naqas meta deher fis-seduta, is-seduta kienet posposta biex ikun assistit mill-avukat tal-ghajnuna legali, hareg mill-awla u ma rritornax meta l-kawza tieghu regghet issejhet. Din il-Qorti wara li rat l-Artikolu 991 tqis li li dak li ghamel ir-rikorrent waqt is-seduta li deher u telaq 'l hemm jammonta ghal *"eghmil mhux xieraq waqt is-seduta."* U fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa *"att ta' disprezz tal-qorti."*

Ghal motivi indikati aktar 'l fuq u wara li rat l-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali l-Qorti tiddikjara li r-rikorrent qed jigi detenut skont l-ligi u konsegwentement tichad it-talba li jkun rilaxxat mill-arrest.

**Dr. Joseph Mifsud LL.D.**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**

[1] Appell Civili Numru. 150/2015/1